Il-Kummissjoni Ewropea

# PAGI MINIMI ADEGWATI



28 ta' Ottubru 2020
#EUMinimumWages



*"Il-pagi minimi jaħdmu – u wasal iż-żmien li x-xogħol jitħallas".*

Ursula von der Leyen, diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, is-16 ta' Settembru 2020

## Għaliex għandna bżonn pagi minimi adegwati?



Il-proporzjon ta' persuni li jaħdmu iżda xorta jiffaċċjaw il-faqar **żdied minn 8.3% fl-2007 għal 9.4% fl-2018** tat-total tal-forza tax-xogħol fl-UE.

**Ħafna ħaddiema li huma l-aktar esposti għall-COVID-19 jaqilgħu l-paga minima.**



Persuni li jindukraw lil xi ħadd



Ħaddiem tas-saħħa



Persuni li jnaddfu



Ħaddiema agrikoli

**Il-ħaddiema li jaqilgħu l-paga minima jsibuha diffiċli biex ilaħħqu mal-ħajja (%)**




Sors: Il-kalkoli tal-Eurofound ibbażati fuq l-EU-SILC 2018



**Il-maġġoranza (kważi 60% fl-UE kollha)** ta' dawk li jaqilgħu l-paga minima **huma nisa**

## X’nixtiequ niksbu?

Il-proposta għal Direttiva dwar Pagi Minimi Adegwati tfittex li tiżgura li l-pagi minimi jiġu ffissati f’livell adegwat, u li **l-ħaddiema jaqilgħu biżżejjed għal għajxien deċenti**. Il-ħaddiema għandu jkollhom aċċess għall-protezzjoni tal-paga minima, jew fil-forma ta’ paga minima statutorja jew fil-forma ta’ pagi ffissati permezz ta’ ftehimiet kollettivi.

Din il-proposta tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u l-libertà kuntrattwali tas-sħab soċjali. **Ma tobbligax lill-Istati Membri biex jiffissaw pagi minimi bil-liġi**. Ma tiffissax il-livell tal-pagi minimi.




**Il-Prinċipju 6 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet, approvat mill-mexxejja kollha tal-UE**

*“Il-ħaddiema għandhom id-dritt għal pagi ġusti li jipprovdu standard ta’ għajxien deċenti. Għandhom jiġu żgurati pagi minimi adegwati... Għandu jiġi evitat il-faqar fost dawk li jaħdmu. Il-pagi għandhom ikunu ffissati b’mod trasparenti u prevedibbli... skont il-prattiki nazzjonali u b’rispett lejn l-awtonomija tas-sħab soċjali.”*

## Tħeġġiġ tan-**negozjar kollettiv** dwar l-iffissar tal-pagi **fl-Istati Membri kollha**



# X’qiegħda tipproponi l-Kummissjoni?

## Irridu niżguraw li l-ħaddiema jkunu protetti

**21 Stat Membru** b’pagi minimi statutorji nazzjonali

**6 Stati Membri** fejn il-protezzjoni tal-paga minima hija pprovduta esklussivament permezz ta’ ftehimiet kollettivi

- Promozzjoni tan-negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-paga
- Kriterji ċari u stabbli għall-iffissar u l-aġġornament tal-pagi minimi statutorji
- Involviment imsaħħaħ tas-sħab soċjali fl-iffissar tal-paga minima statutorja
- Użu limitat ta’ varjazzjonijiet u tnaqqis fl-iffissar tal-paga minima statutorja
- Rapportar annwali mill-Istati Membri lill-Kummissjoni flimkien ma’ djalogu strutturat

## Kriterji ssuġġeriti għal pagi minimi adegwati ffissati bil-liġi biex jitqiesu mill-Istati Membri

- Kapaċità tal-akkwist filwaqt li jitqiesu t-taxxi u l-benefiċċji soċjali
- Livell ġenerali ta’ pagi grossi u d-distribuzzjoni tagħhom
- Rata ta’ tkabbir u pagi grossi
- Żviluppi fil-produttività tax-xogħol

KE-03-20-660-MT-C
KE-03-20-660-MT-N
doi:10.2767/179347
doi:10.2767/331808
Print ISBN 978-92-76-23858-4
PDF ISBN 978-92-76-23829-4

© L-Unjoni Ewropea, 2020
L-użu mill-ġdid ta’ dan id-dokument huwa permess, dment li jingħata kreditu xieraq u kwalunkwe tibdil ikun indikat (Creative Commons Attribuzzjoni 4.0 Liċenzja Internazzjonali). Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta’ elementi li mhumiex tal-UE, jista’ jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet rispettivi.
L-immaġnijiet kollha © Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor. Illustrazzjonijiet u ikoni ©Shutterstock – id-drittijiet kollha riżervati.